VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,691, 24 ta' Diċembru, 2010
Taqsima B

A.L. 555 tal-2010

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2010 dwar il-Kundizzjonijiet ta' Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ intra-Komunitarju u l-Importazzjoni minn Pajjiżi Terzi ta' Embrijuni ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 10 tal-Att dwar is- Servizzi Veterinarji, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2010 dwar il-Kundizzjonijiet ta' Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ intra-Komunitarju u l-Importazzjoni minn Pajjiżi Terzi ta' Embrijuni ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu li jittrasponu d-Direttiva 89/556/KEE li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijuni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini, u għandom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' regolamenti u regoli komunitarji oħrajn u leġislazzjoni nazzjonali oħra li tirrigwarda annimali domestiċi jew tat-trobbija li jistgħu jkunu japplikaw f'dan ir-rigward.

(3) Dawn ir-regoli qegħdin isiru għall-ħarsien tal-interess pubbliku u s-sigurtà pubblika. Kull ħtieġa u miżuri ta' ħarsien li jinsabu f'dawn ir-regoli inkluż dawk relatati ma' awtorizzazzjonijiet qegħdin isiru għal raġunijiet aktar importanti relatati mal-interess pubbliku.

(4) Dawn ir-regoli għandom jidħlu fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2010.

Tifsir.
Kap. 437.
A.L. 351 tal-2009.

2. (1) Kemm-il darba ma jiġix stabbilit xort'oħra f'dawn ir-regoli, t-tifsiriet fl-Att, dawk li jinsabu taħt ir-Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ,

VERŻJONI ELETTRONIKA

u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità, u dawk li jinsabu fir-
A.L. 505 tal-2004. Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu il-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, għandhom jibqgħu japplikaw.

(2) Għall-fini ta' dawn ir-regoli u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra t-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

"annimali tal-ispeċi tal-bovini" tfisser annimali bovini li l-embrijuni tagħhom ikunu soġġetti għall-kummerċ intra-Komunitarju u importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, wara li jkunu tneħħew minn donatur femminili tal-ispeċi tal-bovini għall-fini biex ikunu trasferiti għal, mqegħda jew injettati fir-riċevitur femminili tal-ispeċi tal-bovini;

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

"Awtorità Kompetenti" tfisser id-Dipartiment responsabbli għas-servizzi veterinarji f'Malta kif stabbilita bl-Att;

"awtorizzazzjoni" tfisser kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn ir-regoli u f'dak li għandu x'jaqsam ma' provdituri awtorizzati u servizzi tfisser permess, liċenza, warrant, ħatra, konċessjoni jew kull deċiżjoni li tirrigwarda aċċess għal attivita` tas-servizz jew l-eżerċizzju tagħha;

"ċertifikat tas-saħħa" tfisser ċertifikat li jkun inħareġ kif suppost mill-Awtorità Kompetenti skond l-Iskeda Ċ li tinsab ma' dawn ir-regoli, bħala mezz ta' garanzija u monitoraġġ għal konformità mal-ħtiġiet ta' saħħa tal-annimali f'dak li għandu x'jaqsam ma' annimali u prodotti ta' oriġini tal-annimali soġġetti għal kummerċ għall-fini ta' dawn ir-regoli;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-servizzi veterinarji jew xi uffiċjal veterinarju nominat minnu;

"embrijun" tfisser l-istadju tal-bidu ta' żvilupp ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

annimal domestiku tal-ispeċi tal-bovini waqt li jkun kapaċi li jiġi trasferit għal riċevitur femminili jew ġenitur femminili ta' dik l-ispeċi;

"grupp ta' ġbir ta' embrijuni" tfisser grupp ta' tekniċi li jkun uffiċjalment approvat jew struttura li jkun issorveljat minn veterinarju tal-grupp li jkun kompetenti biex iwettaq il-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna ta' embrijunu skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda A li tinsab ma' dawn ir-regoli;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea kif imwaqqfa mit-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea;

"konsenja ta' embrijuni" tfisser kwantità ta' embrijunu li jkunu tneħħew f'operazzjoni waħda minn donatur wieħed femminili u li jkunu koperti b'ċertifikat wieħed;

"konsumatur aħħari" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt ir- Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità;

"Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" tfisser Kumitat li jkun magħmul minn rappreżentanti ta' Stati Membri msejħa membri tal-kumitat, li jkunu jassistu u jikkonsultaw il-Kummissjoni billi jagħtu Opinjoni li tkun tirrigwarda miżuri ta' sigurtà f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħwejjeġ ta' saħħa tal-annimali, biex wara jiġu adottati formalment mill-Kummissjoni skond il-proċedura adatta. Dik il-proċedura tal-kumitat tkun tkopri il-katina kollha ta' provediment alimentari, li tkun tvarja minn ħwejjeġ ta' saħħa tal-annimali fir-razzett sal-prodott li jkun wasal għall-konsumatur aħħari, għalhekk issaħħaħ b'mod sinifikattiv il-kapaċità tagħha li timmira għal riskji għas-saħħa meta dawn jitfaċċaw fil-produzzjoni tal-ikel;

"kummerċ" tfisser, għall-iskop ta' dawn ir-regoli kummerċ bejn Stati Membri jew bejn Stat Membru u pajjiż terz f'annimali u l-prodotti tagħom, negozju jew

impjieg biex isir profitt jew qliegħ, b'mod partikolari f'bejgħ bl-ingrossa jew bejgħ bl-imnut u tinkludi ftehim f'xi attivita` ta' negozju partikolari;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

"laboratorju dianjostiku approvat" tfisser laboratorju li jkun jinsab f'Malta jew pajjiż terz li jkun approvat mill-awtorità veterinarja kompetenti tal-pajjiż biex iwettaq testijiet dianjostiċi stabbiliti f'dawn ir-regoli;

"pajjiż tal-ġbir" tfisser l-Istat Membru jew pajjiż terz li fih l-embrijuni jkunu prodotti, miġbura, pproċessati u, fejn ikun meħtieġ, maħżuna, u li minnu huma jiġu mibgħuta lejn Stat Membru;

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li ma jkunx stat membru tal-Unjoni Ewropea;

"perjodu ta' ġestjoni" tfisser iż-żmien li fih il-fetus jiżviluppa, li jibda bil-fertilizzazzjoni sa l-aħħar tat-twelid;

"il-prodott" tfisser kull prodott ta' oriġini tal-annimali għal kummerċ jew finijiet ta' kummerċ;

"provditur awtorizzat" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt ir-Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità;

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru tal-Unjoni Ewropea;

"Stat Membru tad-destinazzjoni" tfisser dak l-Istat Membru li lejh jiġu trasferiti l-embrijuni minn ċentru jew stabbiliment ta' oriġini ta' ġbir tal-embrijuni, li jkun jinsab fl-Istat Membru tal-ġbir jew f'pajjiż terz;

"trasferiment ta' embrijuni (TE)" tfisser it-trasferiment ta' embrijuni minn donatur femminili għal riċevitur femminili, li jkun metodu li jiġi pprattikat biex tiġi mmultiplikata il-ġenetika tal-annimali tal-ispeċi tal-bovini għall-fini ta' dawn ir-regoli. Hu l-proċess li bih

VERŻJONI ELETTRONIKA

embrijun ikun miġbur (flushed) minn donatur wieħed femminili u trasferit għal reċipjent femminili ieħor biex ikun komplut il-perjodu ta' ġestjoni;

"it-Trattat" tfisser it-trattat kif imwaqqaf bl-Unjoni Ewropea;

"verifiki veterinarji" tfisser verifiki veterinarji jew kontrolli ta' importazzjoni li jsiru fuq embrijuni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini, jew mal-importazzjoni mill-Komunità jew minn pajjiż terz soġġetti għall-proċeduri rispettivi tagħhom, kif stabbilit fir-Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità għal verifiki veterinarji li jiġu mwettqa fuq importazzjonijiet fil-Komunità, u fir-Regolamenti tal-2003 li jirregolaw l-Organizzazzjoni tal-Verifiki Veterinarji fuq Prodotti li jidħlu fit-Territorju ta' Malta minn Pajjiżi Terzi għal verifiki veterinarji li jiġu mwettqa minn postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fuq importazzjonjiet minn pajjiżi terzi; A.L. 356 tal-2003.

"veterinarju tal-grupp" tfisser il-veterinarju li jkun responsabbli għas-sorveljanza ta' grupp ta' ġbir ta' embrijuni skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda A li tinsab ma' dawn ir-regoli;

"veterinarju uffiċjali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt ir- Regoli tal-2009 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni Mhux Soġġetti Għal Ħtiġiet ta' Saħħa ta' l-Annimali Stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità.

3. (1) Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal:- Applikabbiltà.

(a) l-użu ta' embrijuni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini bħala parti minn politika ta' tnissil effiċjenti li twassal għal produttività aħjar u żieda fil-marġini f'dan is-settur;

(b) il-moviment ħieles ta' dawk l-embrijuni li għandu jinkoraġġixxi żvilupp razzjonali filwaqt li tingħata mportanza għall-użu tal-aħjar fatturi tal-produzzjoni;

(ċ) l-garanziji li għandhom jintlaħqu f'dak li għandu x'jaqsam ma' kriterji dwar is-saħħa tal-annimali fir-rigward ta' kummerċ intra-Komunitarju u importazzjonijiet fil-Komunità ta' annimali bovini minn pajjiżi terzi, biex ir-riskju ta' tixrid ta' mard tal-annimali jigi eliminat fil-każ ta' kummerċ fl-embrijuni;

(d) l-armonizzazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar is-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali u prodotti tal-annimali, u l-ħtieġa li tinħoloq kull sistema armonizzata għal kummerċ intra-Komunitarju u importazzjonijiet fil-Komunità ta' embrijuni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini;

(e) l-obbligazzjonijiet tal-Istati Membri ta' ġbir li jassiguraw li:

(i) dawk l-embrijuni jkunu ġew miġbura u pproċessati minn gruppi ta' ġbir ta' embrijuni li jkunu approvati u sorveljati;

(ii) jkunu ġew miksuba minn annimali li l-istat tas-saħħa tagħhom ikun tali li jkun jassigura li r-riskju ta' tixrid ta' mard tal-annimali jiġi eliminat;

(iii) ikunu ġew miġbura, pproċessati, maħżuna u trasportati skond ir-regoli li jippreservaw l-istat tas-saħħa tagħhom u li jkollhom magħhom matul it-trasport lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni ċertifikat tas- saħħa tal-annimal sabiex jiġi żgurat li din l-obligazzjoni tkun intlaħqet;

(f) il-vaċċin kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer li jkun jiġġustifika ż-żamma, għal embrijuni friski, ta' derogi, limitati fiż-żmien, li jkunu jawtorizzaw protezzjoni supplimentari mill-Istati Membri kontra dik il-marda;

(ġ) l-lista ta' pajjiżi terzi li għandha tkun imħejjija, filwaqt li tingħata importanza għall-kriterji dwar is-saħħa tal-annimali, li minnhom embrijuni jistgħu jiġu mpurtati fil-Komunità, iżda mingħajr preġudizzju għal dik il-lista, l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' importazzjonijiet ta' embrijuni jistgħu jiġu sospiżi jew revokati, jekk l-Istati Membri jkun jidhrilhom xieraq li l-kriterji jew l-istandards dwar is-saħħa tal-annimali ikunu ġew sodisfatti jew ikunu ntlaħqu;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(h) l-verifiki fuq il-post li jistgħu jiġu mwettqa biex tiġi verifikata l-konformità mal-istandards u l-kriterji dwar is-saħħa tal-annimali;

(i) l-prevenzjoni kontra t-trasferiment ta' ċertu mard kontaġġuż, fejn il-kontrolli fuq l-importazzjoni għandhom isiru meta konsenja ta' embrijuni tkun waslet u ġiet imqegħda fis-suq tal-Komunità, u l-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri wara li dawk il-kontrolli ikunu ġew stabbiliti, fil-każ ta' transitu intern.

(2) Dawn ir-regoli m'għandhomx japplikaw għal embrijuni li jkunu jirriżultaw minn fertilizzazzjoni in vitro jew embrijuni li jkunu soġġetti għal għażla tas-sess, qsim (ġemellaġġ), cloning jew kull manipulazzjoni li tkun tinterferixxi mal-integrità taż-zona pellucida.

(3) Id-Direttur għandu japplika dawk il-ħtiġiet amministrattivi kollha neċessarji li jkunu konformi mal-ħtiġiet tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali skond il-ħtiġiet ta' dawn ir-regoli, biex jiżgura li ma jkunx hemm ksur ta' dawn ir-regoli kif ukoll biex inaqqas ir-riskju għal konsumaturi aħħarin u kull riskju supplimentari għal annimali u għall-ambjent.

(4) Dawn il-miżuri jinkludu il-konfiska diretta tal-prodott, is-sospensjoni tal-attivitajiet li jkunu qegħdin jiġu mwettqa mill-provditur awtorizzat meta dawn ikun qegħdin joħolqu riskju lil konsumaturi aħħarin u lill-ambjent, u t-teħid lura ta' kull awtorizzazzjoni, liċenza jew permess flimkien mal-applikazzjoni ta' kull piena oħra amministrattiva skond l-artikolu 61 tal-Att.

Kummerċ intra-Komunitarju.

4. L-Awtorità Kompetenti għandha tiżgura li embrijuni m'għandhomx jintbagħtu minn Malta lejn Stat Membru ieħor kemm-il darba dawn ma jkunux konformi ma' dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandhom ikunu ġew konċeputi bħala kull riżultat ta' inseminazzjoni artifiċjali b'semen minn donatur raġel jew ġenitur raġel tal-ispeċi tal-bovini li jkun jinsab f'ċentru ta' ġbir tas-semen kif imfisser fis-subregola (2) tar-regola 2 tar-Regoli tal-2010 dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali Applikabbli għall-Kummerċ Intra-Komunitarju u Għal Importazzjonijiet ta' Semen *Deep Frozen* ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini;

A.L. 554 tal-2010

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) għandhom ikunu ġew miġbura minn annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini li l-istat ta' saħħa tagħhom ikun skond l-Iskeda B li tinsab ma' dawn ir-regoli;

(ċ) jridu jkunu ġew miġbura, pproċessati u maħżuna minn grupp ta' ġbir tal- embrijuni li jkun approvat skond is-subregola (1) tar-regola 6 ta' dawn ir-regoli;

(d) jridu jkunu ġew miġbura, pproċessati u maħżuna minn grupp ta' ġbir tal-embrijunu skond l-Iskeda A li tinsab ma' dawn ir-regoli;

(e) jrid ikollhom magħhom, matul it-trasport lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni, ċertifikat tas-saħħa tal-annimali skond is-subregola (1) tar-regola 7 ta' dawn ir-regoli.

Approvazzjoni ta' grupp ta' ġbir tal-embrijuni.

5. (1) L-approvazzjoni ta' grupp ta' ġbir tal-embrijuni kif stabbilit fil-paragrafu (ċ) tar-regola 4 ta' dawn ir-regoli għandha tingħata biss meta d-diżposizzjonijiet tal- Kapitlu 1 tal-Iskeda A li tinsab ma' dawn ir-regoli ikunu osservati u meta l-grupp ta' ġbir tal-embrijuni jkun jista' jissodisfa d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regoli. Kull bidla kbira fl-organizzazzjoni tal-grupp għandha tkun infurmata lill-Awtorità Kompetenti.

(2) L-approvazzjoni tal-grupp għandha tiġi mġedda kull meta l-veterinarju tal-grupp jiġi mibdul jew kull meta xi tibdil kbir isir fl-organizzazzjoni tiegħu jew fil-laboratorji jew tagħmir disponibbli għalih.

(3) Il-veterinarju uffiċjali għandu jissorvelja l-osservanza tad-dispożizzjonijiet stabbiliti hawn qabel. L-approvazzjoni għandha tiġi revokata meta waħda jew aktar mid-diżposizzjonijiet ma jibqgħux jiġu osservati.

(4) L-Awtorità Kompetenti għandha tirreġistra l-gruppi ta' ġbir tal-embrijuni u tagħti numru ta' reġistrazzjoni veterinarja lil kull grupp. L-Awtorità Kompetenti għandha tfassal u żżomm aġġornata lista tal-gruppi ta' ġbir tal-embrijuni u n-numri tar-reġistrazzjoni veterinarja tagħhom u tagħmel dan disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku.

Konsenja ta' embrijuni soġġetta għal ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.

6. (1) Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jkun imħejji minn veterinarju uffiċjali tal- Istat Membru tal-ġbir fuq formola li tkun skond il-mudell fi Skeda Ċ li tinsab ma' dawn ir-regoli għandu jkun

VERŻJONI ELETTRONIKA

ma' kull konsenja ta' embrijuni. Ċertifikat separat għandu jinħareġ għal kull konsenja.

(2) Iċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali għandu:

(a) jkun jikkonsisti minn formula waħda u jkun mħejji minn tal-inqas bil-lingwa(i) uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(b) jkun sar għal kull riċevitur;

(ċ) ikun mal-konsenja ta' embrijuni lejn id-destinazzjoni fil-forma oriġinali tiegħu.

Regoli għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi

7. (1) Embrijuni għandhom ikunu mpurtati biss minn dawk il-pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li jkunu jidhru fuq lista mħejjija skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli. Dik il-lista tista' tiġi miżjuda jew emendata skond l-istess proċedura.

(2) Fid-deċiżjoni jekk pajjiż terz jew partijiet minnu jkunx jista' jidher fuq il-lista msemmija fis-subregola (1) ta' din ir-regola, għandha tingħata importanza partikolari għal:

(a) l-istat tas-saħħa tal-bhejjem, annimali domestiċi oħra u annimali ferjali fil-pajjiż terz, b'referenza partikolari għal mard ta' annimali eżotiċi, u s-sitwazzjoni tas-saħħa ambjentali f'dak il-pajjiż, li tista' tkun ta' periklu għas-saħħa tal-annimali f'Malta;

(b) ir-regolarità u l-ħeffa tal-informazzjoni provduta mill-pajjiż terz li tkun tikkonċerna l-eżistenza tal-mard tal-annimali li jkun jittieħed fit-territorju tiegħu, b'mod partikolari dak il-mard imsemmi fil-listi A u B tal-Uffiċċju Internazzjonali ta' Mard Epiżootiku;

(ċ) ir-regoli tal-pajjiż terz dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard tal-annimali;

(d) l-istruttura tas-servizzi veterinarji fil-pajjiż terz u s-setgħat tagħhom;

(e) l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jipprevjenu u jikkontrollaw mard kontaġġuz tal-annimali; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(f) l-garanziji li l-pajjiż terz ikun jista' jagħti f'dak li għandu x'jaqsam mal- konformità ma' dawn ir-regoli.

Kundizzjonijiet relatati ma' gruppi ta' ġbir jew produzzjoni tal-embrijuni.

8. (1) L-Awtorità Kompetenti għandha tawtorizza biss importazzjonijiet ta' embrijuni li jkunu mibgħuta minn grupp ta' ġbir jew produzzjoni tal-embrijuni li jkun jinsab f'wieħed mill-pajjiżi terzi li jkunu jidhru fuq il-lista msemmija fis-subregola (1) tar-regola 7 ta' dawn ir-regoli, u li għalih l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun tista' tagħti garanziji li jkunu ntlaħqu dawn il-kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-grupp ta' ġbir jew produzzjoni tal-embrijuni li ġejjin:

(a) jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet:

(i) għall-approvazzjoni tal-gruppi ta' ġbir tal-embrijuni u tal-produzzjoni tal-embrijuni stabbiliti fil-Kapitlu I ta' Skeda A li tinsab ma' dawn ir-regoli;

(ii) li jkollhom x'jaqsmu mal-ġbir, l-ipproċessar, il-ħażna u t-trasport tal-embrijuni minn dawk il-gruppi stabbiliti fil-Kapitlu II ta' dik l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regoli;

(b) jkun ġie uffiċjalment approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz għal esportazzjonijiet lejn il-Komunità; u

(ċ) jkun soġġett għal spezzjonijiet minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz minn tal-inqas darbtejn fis-sena.

(2) Il-lista tal-gruppi ta' ġbir jew ta' produzzjoni tal-embrijuni li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li jkun tidher fuq il-lista msemmija fis-subregola (1) tar-regola 7 tkun approvat skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fis-subregola (1) ta' din ir-regola, u li minnhom l-embrijuni jkunu jistgħu jintbagħtu lejn il-Komunità, għandha tiġi nfurmata lill-Kummissjoni.

(3) L-approvazzjoni ta' grupp ta' ġbir jew ta' produzzjoni tal-embrijuni għandha tiġi minnufih sospiża jew revokata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jekk ma tkunx aktar konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fis-subregola (1) ta' din ir-regola, u l-Kummissjoni għandha tiġi infurmata minnufih b'dan. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' din ir-regola jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fit-tifsira"Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

Kundizzjonijiet relatati mal-importazzjoni ta' embrijuni minn pajjiżi terzi.

9. (1) L-importazzjoni ta' embrijuni minn pajjiż terż jew parti minnu fuq il-lista mħejjija skond is-subregola (1) tar-regola 7 ta' dawn ir-regoli għandha sseħħ biss jekk l-embrijuni:

(a) ikunu ġejjin minn annimali donaturi li, minnufih qabel il-ġbir tal-embrijuni tagħhom, ikunu baqgħu għal minn tal-inqas sitt xhur fil-pajjiż terz ikkonċernat, u f'massimu ta' żewġ merħliet li jkunu konformi minn tal-inqas mal-ħtiġiet stabbiliti fis-subregola (2) ta' din ir-regola; u

(b) jkunu konformi mal-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali adottati skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli għall-importazzjonijiet ta' embrijuni minn dak il-pajjiż.

(2) Fl-adozzjoni tal-ħtiġiet msemmija fis-subregola (1) ta' din ir-regola, għandha tingħata importanza b'mod partikolari għal:

(a) is-sitwazzjoni tas-saħħa fiż-żona ta' madwar il-post tal-ġbir ta' embrijunu, b'referenza partikolari għall-mard li jkun jidher fil-lista A ta' l-Uffiċċju Internazzjonali ta' Mard Epiżootiku;

(b) l-istat tas-saħħa tal-merħla kkonċernata fil-ġbir ta' l-embrijuni, nkluży l-ħtiġiet ta' testijiet;

(ċ) l-istat tas-saħħa tal-annimal donatur u l-ħtiġiet ta' testijiet; u

(d) l-ħtiġiet ta' ġbir, ipproċessar u ħażna f'dak li għandu x'jaqsam ma' embrijuni.

(3) Il-bażi ta' referenza biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimal skond is-subregoli (1) u (2) ta' din ir-regola għat-tuberkolożi, brucellosi tal-bovini u lukożi enżootika tal-bovini għandha tkun l-istandards stabbiliti fi Skedi A u D li jinsabu mar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Skond il-proċeduri stabbiliti fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli u abbażi ta' każ b'każ, derogazzjonijiet minn dawk id-dispożizzjonijiet msemmija fis-subregoli (1) u (2) ta' din ir-regola, jistgħu jiġu deċiżi meta pajjiż terz interessat jipprovdi garanziji simili u minn tal-inqas ekwivalenti b'referenza għas-saħħa tal-annimali. Ir-regola 4 ta' dawn ir-regoli għandha tkun tapplika mutatis mutandis.

Preżentazzjoni ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali li jirrigwardaw l-importazzjoni ta' embrijuni minn pajjiżi terzi.

10. (1) L-importazzjoni ta' embrijuni tista' tiġi awtorizzata biss mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimal li jkun imħejji u ffirmat mill-veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz tal-ġbir.

(2) Dan iċ-ċertifikat għandu:

(a) jkun imħejji minn tal-inqas bil-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni u l-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn il-kontroll tal-importazzjoni stabbilit fir-regola 12 ta' dawn ir-regoli ikun ġie mwettaq;

(b) ikun sar għal riċevitur wieħed; u

(ċ) jkun mal-embrijuni fl-oriġinali;

(3) Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimal għandu jkun fuq formola li tkun tikkorrispondi għal-mudell li jkun imħejji skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

Verifiki veterinarji mill-Awtorità Kompetenti.

11. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-2003 li jirregolaw l-Organizzazzjoni tal-Verifiki Veterinarji fuq Prodotti li jidħlu fit-Territorju ta' Malta minn Pajjiżi Terzi għandhom japplikaw, b'mod partikolari għall-organizzazzjoni ta' u s-segwitu ta' verifiki li għandhom isiru mill-Awtorità Kompetenti u l-miżuri ta' ħarsien li għandhom ikunu japplikaw skond il-proċedura msemmija fir-regolament 19 ta' dawk ir-regolamenti, li jirrigwardaw xi marda jew xi fenomenu jew ċirkostanza oħra li tista' tkun ta' theddida serja għas-saħħa pubblika jew tal-annimali li tkun timmanifesta ruħha jew tkun tinfirex.

Konsenja ta' embrijuni soġġetta għal ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.

12. Kull konsenja ta' embrijuni li tkun awtorizzata għall-importazzjoni fil-Komunità minn Stat Membru tad-destinazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

abbażi tal-kontroll imsemmi fir-regola 11 ta' dawn ir-regoli għandha, meta tinbagħat lejn Stat Membru ieħor, ikollha magħha ċertifikat oriġinali jew kopja awtentika tiegħu, iffirmata kif meħtieġ, f'kull każ, mill-Awtorità Kompetenti responsabbli għall-kontroll li jiġi mwettaq skond ir-regola 11 ta' dawn ir-regoli.

Spejjeż relatati ma' verifiki veterinarji.

13. Kull spiża mill-implimentazzjoni ta' miżuri skond ir-regola 11 ta' din ir-regola għandha tkun għas-spejjeż tal-kunsinnatarju, ir-riċevitur jew l-aġent jew ir-rappreżentant tiegħu, mingħajr kumpens għall-ispejjeż mill-Awtorità Kompetenti.

Regoli dwar miżuri ta' ħarsien u kontroll.

14. (1) Jekk xi marda tal-animali li tkun tittieħed li tkun tista' tinġarr minn embrijuni tfaqqa' jew tinxtered jew jekk għal xi raġuni oħra f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa tal-annimali li tista' tkun ta' periklu għas-saħħa tal-bhejjem f'Malta hekk jiġġustifikaw tkun hekk teħtieġ:

(a) il-miżuri ta' ħarsien stabbiliti fir-regolament 9 tar-Regolamenti tal-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali jistgħu jkunu japplikaw; u

(b) meta xi pajjiż terz kollu jew parti minnu jkun ikkonċernat, l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jipprojbixxi l-importazzjoni ta' dawk l-embrijuni sew kemm jekk ikunu mportati direttament jew indirettament minn Stat Membru ieħor, jew mill-pajjiż terz kollu jew minn parti biss minnu.

(2) Miżuri li jkunu ttieħdu mill-Awtorità Kompetenti abbażi tas-subregola (1) ta' din ir-regola u t-tneħħija ta' dawk il-miżuri għandhom ikunu nfurmati minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni flimkien mar-raġunijiet għat-teħid jew tneħħija ta' dawk il-miżuri.

(3) Skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli, jista' jiġi deċiż li dawk il-miżuri għandhom ikunu emendati, b'mod partikolari biex jiġu kkoordinati ma' miżuri adottati minn Stati Membri oħrajn, jew li għandhom jiġu mħassra.

(4) Jekk is-sitwazzjoni stabbilita fis-subregola (1) ta' din ir-regola tinħoloq, u jekk ikun meħtieġ li Stati Membri oħrajn japplikaw ukoll il-miżuri li jkunu ttieħdu skond dik is-subregola,

VERŻJONI ELETTRONIKA

kif emendati meta jkun meħtieġ b'mod skond is-subregola (3) ta' din ir-regola, passi xierqa għandhom jittieħdu skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli. It-teħid mill-ġdid ta' importazzjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat għandu jkun awtorizzat skond l-istess proċedura.

Esperti veterinarji.

15. (1) Esperti veterinarji mill-Kummissjoni jistgħu, b'koperazzjoni mal-Awtorità Kompetenti u mal-awtorità kompetenti tal-pajjiżi terzi, iwettqu verifiki fuq il-post kemm-il darba dan ikun indispensabbli biex jiżguraw applikazzjoni uniformi ta' dawn ir-regoli.

(2) Il-pajjiż tal-ġbir li fih verifika tkun qegħda tiġi mwettqa għandu jagħti l-assistenza kollha meħtieġa lill-esperti fit-twettiq tax-xogħol tagħhom. Il-pajjiż tal-ġbir ikkonċernat għandu jieħu kull miżura li tista' tirriżulta meħtieġa biex jieħu konjizzjoni tar-riżultati tal-investigazzjoni.

(3) Jekk il-pajjiż ta' ġbir ma jieħux dawk il-miżuri msemmija fis-subregola (2) ta' din ir-regola, l-Awtorità Kompetenti tista' tirrifjuta importazzjoni ta' embrijuni li jkunu miġbura, proċessati jew maħżuna mill-grupp ta' ġbir in kwistjoni jew tirrevoka l-approvazzjoni fil-każ ta' pajjiżi terzi, kemm-il darba hi tkun awtorizzata tagħmel dan mill-Kummissjoni li taġixxi b'konsultazzjoni mal-Kumitat.

(4) Id-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni ta' din ir-regola speċjalment f'dak li jirrigwarda l-frekwenza u l-metodu tat-twettieq tal-verifiki fis-subregola (1) ta' din ir-regola, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira"Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

Emendi li jkunu saru għal Skedi li jinsabu ma' dawn ir-regoli.

16. Emendi li jkunu saru għall-Iskedi li jinsabu ma' dawn ir-regoli, b'mod partikolari biex jiġu adottati għal avvanzi fit-teknoloġija, għandhom jiġu deċiżi skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

Reati u pieni.

17. (1) Kull persuna li tonqos milli tħares dawn ir-regoli tkun tinsab ħatja ta' reat taħt l-Att u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet u l-miżuri imsemmija fir-subregoli (3) u (4) tar-regola 3 ta' dawn ir-regoli.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Kull dritt mogħti lill-Awtorita` Kompetenti taħt dawn ir-regoli biex tapplika dawk il-miżuri kollha neċessarji msemmija fis-subregoli (3) u (4) tar-regola 3 ta' dawn ir-regoli, għandu jiġi mogħti lill-Awtorita` mingħajr preġudizzju għal proċeduri kriminali oħrajn li jistgħu jittieħdu taħt l-Att jew taħt xi liġi oħra meta persuna twettaq xi reat billi tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawn ir-regoli.

B 6802

Skeda A

KAPITOLU I

Kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-gruppi ta' ġbir ta' embrijuni

Sabiex jingħata approvazzjoni kull grupp ta' ġbir ta' embrijuni għandu jissodisfa dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

(a) il-ġbir, l-ipproċessar u ħażna ta' embrijuni għandu jiġi mwettaq jew minn veterinarju tal-grupp jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn tekniku wieħed jew aktar li jkunu kompetenti u mħarrġa mill-veterinarju tal-grupp b'metodi u teknika tal-iġene;

(b) għandu jkun imqiegħed taħt is-sorveljanza u s-setgħa ġenerali tal-veterinarju uffiċjali;

(ċ) għandu jkollu disponibbli għalih faċilitajiet ta' laboratorju permanenti jew mobbli fejn l-embrijuni jkunu jistgħu jiġu eżaminati, proċessati u pakjati, li jkun jikkonsisti minn tal-inqas fi spazju għal xogħol, mikroskopju u apparat krioġeniku;

(d) fil-każ ta' laboratorju fuq sit permanenti, dan għandu jkollu disponibbli għalih:

(i) kamra fejn l-embrijuni jkunu jistgħu jiġu manipulati li tkun biswit imma fiżikament separata miż-żona li tkun tintuża għall-immaniġġjar tal-annimali donaturi waqt il-ġbir;

(ii) kamra jew żona li tkun mgħammra għat-tindif u l-isterilizzar ta' strumenti u tagħmir li jkun jintuża fil-ġbir u l-manipulazzjoni ta' embrijuni;

(e) għandu jkollu disponibbli għalih fil-każ ta' laboratorju mobbli, parti tal-vettura li tkun mgħammra b'mod speċjali li tkun tikkonsisti f'żewġ sezzjonijiet separati;

(i) waħda għall-eżaminazzjoni u l-manipulazzjoni ta' embrijuni li għandha tkun sezzjoni nadifa, u

(ii) l-oħra għall-akkomodazzjoni ta' tagħmir u materjali li jkunu jintużaw f'kuntatt mal-annimali donaturi. Laboratorju mobbli għandu dejjem ikun f'kuntatt ma' laboratorju fuq sit permanenti biex jassigura l-isterilizzazzjoni tat-tagħmir tiegħu u l-provvista ta' fluwidi u prodotti oħra li jkunu meħtieġa għall-ġbir u l-manipulazzjoni ta' embrijuni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

KAPITOLU II

Kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-ġbir, ipproċessar, ħażna u trasport ta' embrijunu mill-grupp approvat tal-ġbir ta' embrijuni

1. Ġbir u proċessar

(a) Embrijuni għandhom ikunu miġbura u proċessati minn skwadra approvata ta' kolleturi, mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' xi konsenja oħra ta' embrijuni li ma jilħqux il-ħtiġiet ta' dawn ir-regoli.

(b) Embrijuni għandhom ikunu miġbura f'post li jkun iżolat minn partijiet oħra tal-bini jew tal-istabbiliment u li għandu jkun fi stat tajjeb u faċli biex ikun imnaddaf u ddisinfettat.

(ċ) Embrijuni għandhom ikunu pproċessati (eżaminati, maħsula, trattati u mqiegħda f'kontenituri li jkunu jingħarfu u sterili) jew f'faċilità ta' laboratorju permanenti jew f'faċilità ta' laboratorju mobbli, li ma jkunx jinsab f'żona li tkun soġġetta għal miżuri ta' projbizzjoni jew kwarantina.

(d) L-għodda kollha li tiġi f'kuntatt mal-embrijuni jew ma' l-annimal donatur matul il-ġbir u l-ipproċessar għandha tkun ta' tip disponibbli jew inkella tiġi ddisinfettata sew jew sterilizzata qabel l-użu.

(e) Prodotti ta' oriġini mill-annimali li jkunu jintużaw waqt il-ġbir tal-embrijuni u waqt il-vjaġġ għandhom ikunu miksuba minn sorsi li ma jippreżentaw l-ebda riskju għas-saħħa tal-annimali jew li jkunu hekk ittrattati qabel l-użu li dak ir-riskju ma jkunx jista' jseħħ.

(f) Vażetti tal-ħażna u vażetti tal-vjaġġ għandhom jiġu ddisinfettati u sterilizzati sew qabel il-bidu ta' kull operazzjoni ta' mili.

(g) L-aġent krijoġeniku li jkun jintuża ma jridx ikun ġie użat qabel għal xi prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali.

(h) Kull kontenitur tal-embrijuni u l-kontenituri li fihom ikunu maħżuna u trasportati għandu jkun immarkat b'mod ċar b'kodiċi b'dak il-mod li d-data tal-ġbir tal-embrijuni u r-razza u l-identifikazzjoni tal-barri donatur u l-baqra donatriċi, kif ukoll in-numru tar-reġistrazzjoni tal-grupp ikunu jistgħu jiġu stabbiliti mill-ewwel. Il-karatteristiċi u l-għamla ta' dawn il-marki ta' kodiċi għandhom ikunu deċiżi skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

(i) Kull embrijun għandu jkun maħsul mill-inqas 10 darbiet f'likwidu speċjali għall-embrijunu li għandu jiġi mibdul kull darba u li, kemm-il darba ma jiġix stabbilit xort'oħra, permezz tal-paragrafu (m), għandu jkun fih trypsin, skond il-proċeduri li jiġi rikonoxxuti b'mod internazzjonali. Kull ħasla għandha tkun imħallta għal 100 darba aktar mill-ħasla preċedenti u kull mikropipetta sterilizzata għandha tintuża għat-trasferiment ta' l-embrijunu f'kull okkażjoni.

(j) Wara l-aħħar ħasla kull embrijun għandu jkun soġġett għal eżaminazzjoni mikroskopika fuq il-wiċċ kollu tiegħu biex jiġi stabbilit li zona pellucida ma tkunx mimsusa u tkun ħielsa minn kull materjal li jkun weħel magħha.

(k) Kull konsenja ta' embrijuni li tkun ġiet soġġetta għall-eżaminazzjoni b'mod suċċessiv stabbilit fil-paragrafu (j) għandha tiġi mqiegħda f'kontenitur li jkun sterilizzat immarkat skond il-paragrafu (h) u li għandu jkun issiġillat minnufih.

(l) Kull embrijun għandu, fejn ikun xieraq, ikun iffriżat mill-aktar fis possibbli u maħżun fil-post li jkun taħt il-kontroll tal-veterinarju tal-grupp u li jkun soġġett għal spezzjoni regolari minn veterinarju uffiċjali.

(m) Skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli li tkun tikkonċerna likwidi ta' tlaħliħ u ħasil awtorizzati, teknika tal-ħasil u, fejn ikun meħtieġ, trattamenti enżimatiċi flimkien ma' medja ta' trasportazzjoni awtorizzati. Pendenti l-adozzjoni ta' protokoll dwar it-trattamenti enżimatiċi, ir-regoli nazzjonali dwar l-użu ta' trypsin għandhom jibqgħu japplikaw skond id-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat.

(n) Kull grupp ta' ġbir għandu jippreżenta kampjuni ta' likwidi ta' tlaħliħ kull tant żmien, likwidi ta' ħasil, embrijuni diżintegrati, ova mhux fertilizzati, eċċ., li jkunu jirriżultaw mill-attivitajiet tiegħu għal eżaminazzjoni uffiċjali dwar kontaminazzjoni batterjoloġika u virali. Il-proċedura għal ġbir ta' kampjuni, twettiq ta' dawk l-eżaminazzjonijiet, flimkien mal-istandards li għandhom jintlaħqu, għandhom ikunu deċiżi skond il-proċedura stabbilita fit-tifsira "Kumitat imwaqqaf dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali" jew "il-Kumitat" fis-subregola (2) tar-regola 2 ta' dawn ir-regoli.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jekk l-istandards stabbiliti ma jkunux intlaħqu, l-Awtorità Kompetenti li tkun tat l-approvazzjoni uffiċjali lill-grupp, għandha tirrevoka dik l-approvazzjoni.

(o) Kull grupp ta' ġbir għandu jżomm reġistru ta' l-attivitajiet tiegħu fir-rigward ta' ġbir ta' embrijuni għal tul it-12-il xahar preċedenti u t-12-il xahar ta' wara l-ħażna, inkluż:

(i) ir-razza, l-età u l-identifikazzjoni tal-annimali donaturi konċernati;

(ii) il-lok tal-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna ta' l-embrijuni li jkunu nġabru mill-grupp;

(iii) l-identifikazzjoni tal-embrijuni flimkien mad-dettalji tad-destinazzjoni tagħhom jekk ikunu magħrufa.

2. Ħażna

Kull grupp ta' ġbir ta' embrijuni għandu jiżgura li l-embrijuni jkunu maħżuna f'temperaturi adatti f'bini approvat għall-iskop mill-Awtorità Kompetenti.

Biex ikun approvat dan il-bini għandu:

(i) jkun fih mill-inqas kamra waħda li tkun tissakkar li tkun maħsuba biss għal ħażna ta' embrijuni;

(ii) tkun faċli biex tiġi mnaddfa u tiġi sterilizzata;

(iii) jkollha reġistri permanenti tal-movimenti kollha tad-dħul u l-ħruġ tal-embrijunu. Id-destinazzjoni finali tal-embrijuni għandha b'mod partikolari tkun imsemmija f'dawn ir-reġistri;

(iv) jkun soġġett għal spezzjoni mill-veterinarju uffiċjali.

L-Awtorità Kompetenti tista' tawtorizza l-ħażna ta' semen li tkun tissodisfa l-ħtiġiet tar-Regoli tal-2010 dwar dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali Applikabbli għall-Kummerċ Intra-Komunitarju u Għal Importazzjonijiet ta' Semen *Deep Frozen* ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini fil-bini approvat tal-ħażna.

B 6806

3. Trasport

Embrijuni għal kummerċ għandhom ikunu trasportati f'kundizzjonijiet iġeniċi sodisfaċenti f'kontenituri ssiġillati mill-bini approvat tal-ħażna sal-wasla fid-destinazzjoni tagħhom. Il-kontenituri għandhom ikunu mmarkati b'dak il-mod li n-numru jkun jaqbel man-numru fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Skeda B

Kundizzjonijiet li japplikaw għal annimali donaturi

1. Għall-fini ta' ġbir ta' embrijuni, l-annimali donaturi għandhom jilħqu dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

(a) għandhom ikunu għaddew is-sitt xhur preċedenti fil-Komunità jew fil-pajjiż terz tal-ġbir minn tal-inqas f'merħla waħda:

(i) li tkun uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolożi, u

(ii) li tkun uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi jew ħielsa mill-bruċellożi.

(iii) li tkun ħielsa mil-lewkożi enżootika tal-bovini jew li, matul it-tliet snin preċedenti, ma tkun uriet l-ebda sinjali kliniċi ta' lewkosi enżootika tal-bovini;

(iv) li, matul is-sena preċedenti, ma tkun uriet l-ebda sinjali kliniċi ta' infezzjonar tal-bovini ta' rhinotracheitis/pustular vulvo-vaginitis infettuża;

(b) matul it-sitt xhur li jkunu jippreċedu l-ġbir tal-embrijuni, l-baqar donaturi jkunu għaddew perjodi suċċessivi f'massimu ta' żewġ merħliet differenti li jilħqu l-ħtiġiet stabbiliti hawn qabel.

2. Fil-jum tal-ġbir tal-embrijuni l-baqra donatriċi:

(a) għandha tkun residenti fi stabbiliment li ma jkunx soġġett għal xi projbizzjoni veterinarja jew miżuri ta' kwarantina.

(b) m'għandha turi l-ebda sinjali kliniċi ta' mard.

B 6808

Skeda Ċ

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI NRU. ORIĠINAL

1. Kunsinnatarju (isem u indirizz sħiħ)
2. Stat Membru tal-ġbir
3. Riċevitur (isem u indirizz sħiħ)

NOTI

(a) Ċertifikat separat għandu jinħareġ għal kull konsenja ta' embrijuni

(b) L-oriġinali ta' dan iċ-ċertifikat għandu jkun mal-konsenja sal-post tad-destinazzjoni

4. L-Awtorità Kompetenti
5. Post ta' tagħbija
6. Isem u indirizz tal-grupp ta' ġbir tal-embrijuni
7. Mezzi ta' trasport
8. Post u Stat Membru tad-destinazzjoni
9. Numru ta' Reġistrazzjoni
10. Numru u marka ta' kodiċi ta' kontenituri ta' embrijuni
11. Identifikazzjoni ta' konsenja

(a) Numru ta' embrijuni
(b) Data(i) ta' ġbir
(ċ) Razza

12. Jien, hawn taħt iffirmat veterinarju uffiċjali niċċertifika li:

(a) l-embrijuni msemmija hawn qabel ġew miġbura, pproċessati u maħżuna u kkonsenjati lejn Malta skond l-istandards stabbiliti fir-Regolamenti tal-2010 il-Kundizzjonijiet ta' Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ intra-Komunitarju u l-Importazzjoni minn Pajjiżi Terzi ta' Embrijuni ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini; u

(b) l-embrijuni msemmija hawn qabel ġew mibgħuta lejnil-post tat-tagħbija f'kontenituri ssiġillati skond il-kundizzjonijiet li huma konformi mad-disposizzjonijiet tar-Regoli tal-2010 dwar il-Kundizzjonijiet ta' Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ intra-Komunitarju u l-Importazzjoni minn Pajjiżi Terzi ta' Embrijuni ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini.

Magħmul f'

Firma:
Isem u Kwalifiki (b'ittri kbar)

Timbru